

# Min Hi Marija

Ralph Micallef

- Il-Knisja tapplika għall-Madonna l-kelmiet tal-ktieb tal-Proverbi *(6,34-35)* "Hieni l-bniedem li jismagħni, li jishar kuljum wara biebi, għax min isib lili, isib il-ħajja u jikseb l-imħabba tal-Mulej", u tfissirhom hekk: Min isib il-Madonna, min iħobbha u jqimha huwa tabilħaqq hieni, għaliex isib il-ħajja u jikseb mingħand Alla s-salvazzjoni ta' dejjem.
- Marija, sa mill-ewwel mument tal-eżistenza tagħha, mhux biss kienet mingħajr ebda tebgħa tad-dnub oriġinali, iżda wkoll ruħha kienet imdawla bid-dawl sabiħ tal-grazzja u tal-qdusija. Marija kienet dejjem, sa mill-bidu nett ta' ħajjitha, il-"mimlija bil-grazzja", "kollha kemm hi sabiħa u safja, l-Immakulata". "Jekk inti timxi wara Marija, ma titlifx it-triq; jekk titlobha, ma taqtax qalbek; jekk taħseb fiha, ma tiżbaljax; jekk twieżnek hija, ma taqax; jekk tħarsek hi ma tibżax".
- Fil-Vanġelu ta' San Mattew *(1,18)* insibu li Marija kienet mgħarrsa ma' raġel li kien jismu Ġużeppi. Il-Vanġelu jixhed ukoll li Ġużeppi kien ġej min-nisel ta' David, hekk li meta deherlu l-Anġlu sejjaħlu "Ġużeppi, bin David" *(Mt. 1.20)*. Dan ifisser li huwa kien dixxendenti mis-slaten, iżda ma rahiex bi kbira li jmidd idejh għax-xogħol umli ta' mastrudaxxa. Ġużeppi għadda l-parti l-kbira ta' ħajtu ma' martu Marija u ma' Binha Ġesù.

Jekk il-Knisja Mqaddsa kollha hija midjuna lejn l-Omm Verġni, għax permezz tagħha stħaqqilha tilqa' lil Kristu, żgur li wara Marija, il-Knisja għandha trodd ħajr u tagħti ġieħ lil Ġużeppi.

### Talba lill-Madonna

**O Sinjura tiegħi, Omm tiegħi, jiena noffri ruħi kollha lilek, u bħala xbieha tad-devozzjoni tiegħi lejk, noffrilek għajnejja, widnejja, fommi, qalbi, lili nnifsi, u kollni kemm jien. La jiena kollni tiegħek, O Omm kollok tjieba, ħarisni u aqbeż għalija bħala ħaġa tiegħek u li qiegħda f'idejk.**

